# Is-Sahriet ta' Santu Wistin

## ID-DISA' LEJLA

### *IL-HENA TAS-SEMA*

Bniedem ilsir f'artijiet għariba u mċaħħad mit-tama li jara mill-ġdid art twelidu ma jsib ebda faraġ għajr biss filli jmur bil-ħsieb fejn mhux imħolli jmur bil-ġisem. Għal dan huwa jerfa' s-sigħat l-iżjed tal-ġabra biex b'tiħijil imżewwaq iqarraq b'niktu n-nifsu. Daqqiet jieqaf fuq xi għolja minn fejn idawwar ħarstu mal-qawra kollha u jwaqqafha fl-aħħar-nett hemmhekk fejn tinsab ix-xtajta li l-għajn għal ta' xejn tfittex iżda li hi mitbugħa f'moħħu. Hekk, bla ma jiċċaqlaq u donnu bgħid minnu n-nifsu jistħajlu bejn il-ħitan tad-dar ma' l-egħżież welledin u l-maħbubin ħutu. Huwa jara l-uċuh tagħhom mixtieqa, jisma' l-leħen magħruf u mitt elf ħaġa jsaqsi u mitt elf oħra jgħid huwa. Daqqiet joqgħod fuq xatt ta' xmara u b'wiċċu lejn l-art, sieket u ħosbien, isejjaħ bil-fakra t-tifkiriet ħelwin ta' meta kien hieni, l-għaxqiet bla hemm taż-żmien tari u 'l ommu u 'l ħbiebu u l-iżmna u l-im-kejjen tat tlegħib ta' tfulitu. Imbagħad iraġġa' waħda waħda s-snin li għaddew wara u jfarra' n-niket bi tnehid u biki.

Hekk jiena wkoll, il-bogħod minn arti l-maħbuba, b'din qalbi muġugħa titniehed, infittex li nitwarrab mill-għajnejn tal-bnedmin, biex hemmekk nibgħat ħsebijieti u lil dmugħi nħalli ħielsa l-moġra. Ja sigħat siekta u bkiem * li fikom waqt li d-dinja torqod noqgħod mimdud fuq ir-rix għażżien biex naħji lil ġismi għajjen, imxu ta' ħbieb wara l-ħsieb tiegħi. Is-sema huwa art twelidi. Lejn is-Sema huma mdawrin il-ħsus kollha tiegħi wisq għajjenin bil-ġiri mad-dinja, fejn ma sabux għajr niket u mqata.

O Int li minn hemmekk tifrex is-saltna bla qjies setgħana fuq kollha kemm hi n-natura: Int, li ma titqarrasx meta nsejħulek bl-isem ħelu ta' Missier: Int mexxina ħanin lejn l-għamara tiegħek ta' dejjem; Int, li mingħajr għajnunietek ħadd ma jista' jasal fl-għoli ta' hemmhekk, mexxi 'l ruħi lejn dawk l-arti-jiet tal-ġmiel li għalihom qaddsitni tjubitek ta' dejjem. Iżda diġa nħossni qed nogħla l-fuq minni n-nifsi. Ir-raj sabiħ tal-qwawar tas-sema qed jiġbed u jerfa' 'l ruħi, mħeġġa minn qawwa fuqanija.

Imberkin intom li aħna nsejħulkom mitfija u li l-irmied tagħkom biered qed jistrieħ fis-serħa ta' l-oqbra, kemm-il-darba intom tlaqtu minn hawn bil-mistħoqq tal-għamara ta' hemm! Mitmuma għalikom id-dwejjaq, imneħħi n-niket, imdewweb il-

* Bkiem pl. ta' Ibkem = mute.

biża', mimsuħ il-biki għal dejjem; għalikom it-tiġrib inbidel f'palm, it-taħbit f'rebħ, l-uġigħ f'ferħ u kenn.

Imsejknin aħna li għadna ninsabu f'pajjiż barrani, mdawrin minn kull naħa b'egħdewwa ħajna u ngħixu fil-qagħda mhux magħrufa jekk hix tar-rebħa għal dejjem jew tat-telfa għal dejjem. X'faraġ jibqgħalna f'ħal hekk aħrax għajr biss li ndawru sikwit għajnejna qatt nexfin lejn ix-xtajta għaxqija li lilkom diġa laqgħet u nixħtu lejkom bil-ħoḋon it-tnehid tan-niket.

Ja xtajta sabiħa fejn igħammru l-hienja tabilħaqq, pajjiż ta' paċi u ta' faraġ, li fuqha qatt ma jitla' maltemp għadban jew riħ marradi, jiena narak, jiena nilmħek minn dan il-blat niexef u wisq bgħid; iżda meta jkun qatt li jiena nasal biex inqiegħed riġli fuqek għal dejjem? Meta jkun qatt li titla' din ruħi, issa magħluqa f'dawn il-ħitan mudlamin u dawn jaqgħu fin-nagħas biex qatt ma jerġgħu jistenbħu qabel id-daqq tat-tromba ta' l-anġli?

K. F.